MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 113/2013

**Joseph Cini f'ismu u bhala ezercjenti l-kummerc taht l-isem "Cini Service Station"**

**vs**

**Falcar Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat fit 22 ta' April 2013 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta intimata thallsu is-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u disghin centezmu (€2,355.96), rappresentanti l-bilanc dovut mis-socjeta intimata ghall-bejgh u kunsinna ta' roti u spare parts, dana wara illi gew iffinalizzati l-kontijiet ta' bejniethom u maqbulha miz-zewgt partijiet.

Rat ir-risposta ippresentata fit 22 ta' Mejju 2013 fejn is-socjeta intimata sahqet illi dak mitlub kien infondat fil-fatt u fid-dritt peress illi l-merkanzija giet moghtija lilha "*on a consignment basis*" u ghalhekk ebda ammont ma hu dovut.

Rat il-kontro talba rikonvenzjonali ippresentata kontestwalment mar-risposta tas-socjeta intimata kontra r-rikorrent fejn l-istess socjeta intimata talbet lill-Qorti tikkundanna lir-rikorrent ihallasha is-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u hamsin Euro u tmienja u disghin centezmu (€3,557.98) rappresentanti bejgh ta' merkanzija lill-istess rikorrent u mhux imhallas minnu.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti ippresentata fl-10 ta’ Gunju 2013 fejn sahaq illi dak rikjest mis-socjeta intimata ma kienx dovut peress illi dak minnu pretiz fir-rikors promotur huwa r-rizultat ta’ likwidazzjoni tal-kontijiet pendenti bejn iz-zewgt partijiet, inkluz dak illi kienet qieghda titlob is-socjeta intimata.

Rat l-affidavit ta’ **Joseph Cini** u **Derek Cini** flimkien ma’ dokumentazzjoni minnhom esebita, u ippresentati fl-1 ta’ Lulju 2013.

Rat illi fl-1 ta’ Lulju 2013 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellhux aktar provi x’jippresenta.

Rat l-affidavit ta’ **Jonathan Falzon** flimkien ma’ dokumentazzjoni minnu esebiti u ippresentata fil 21 ta’ Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda u kontro-ezami ta’ **Kenneth Galea** moghtija fid 9 ta’ Dicembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta’ **Alison Grech** gia Davis moghtija fid 9 ta’ Dicembru 2013.

Semghet il-kontro ezami lill Jonathan Falzon illi saret fis 17 ta’ Frar 2014 u fis-7 ta’ April 2014.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta’ **Eric Schembri** moghtija fis 7 ta’ April 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ Joseph Cini moghtija fit 2 ta’ Gunju 2014.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet tar-rikorrenti ippresentata fit 22 ta’ Settembru 2014.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ippresentata fil 15 ta’ Dicembru 2014.

Rat illi fil 15 ta’ Dicembru 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti jiggestxxi negozju bl-isem ta’ “Cini Service Station” gewwa x-Xaghra, Ghawdex li tikkonsisti f’pompa tal-petrol kif ukoll hanut zghir li jbiegh affarjiet relatati ma’ karozzi.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata, minn naha taghha, tiggestixxi negozju b’erbgha hwienet illi ibieghu principalment accessorji ta’ karozzi.

Jirrizulta illi ghal xi zmien, is-socjeta intimata kienet tbiegh accessorji tal-karozzi lir-rikorrenti u dana bi hlas immedjat.

Jirrizulta illi, mument minnhom, ir-rikorrent beda jiddiversifika l-ambitu tan-negozju tieghu u beda jimporta bicycles ossija roti kif ukoll l-accessorji taghhom.

Jirrizulta ukoll illi s-socjeta intimata ukoll bdiet tiddiversifika fl-oggetti illi kellha ghal bejgh u bdiet tbiegh, fost affarjiet ohra, bicycles ossija roti kif ukoll l-accessorji taghhom.

Jirrizulta illi, peress illi r-rikorrenti ried jibda jbiegh il-prodotti tieghu gewwa Malta, u peress illi s-socjeta intimata, illi maghha huwa gia kellu relazzjoni kummercjali in vista tax-xiri li kien jaghmel precendentement ta' accessorji tal-karozzi, kienet intenzjonata tiddiversifika l-affarjiet illi kellha ghal bejgh, intalahaq ftehim bejn il-partijiet illi r-rikorrenti jikkonsenja roti u l-accessorji taghhom lis-socjeta intimata u s-socjeta intimata kellha imbghad tbieghom b'"mark up" fis-suq lokali Malti.
Jirrizulta illi fil-bidu, ossija fit 22 ta' Novembru 2010 (vide fol 23) sabiex r-rikorrenti jarma lis-socjeta intimata sew b'roti u accessorji taghhom, baghat konsenja konsiderevoli ta' madwar disgha u hamsin rota ta' daqs u tip differenti, b'valur totali ta' disat elef, erbgha mija u wiehed u tletin Euro u tlett centezmi (€9,431.03), liema valur jinkludi l-VAT, li fuqhom kien hemm skont, bir-rizultat illi l-valur finali tal-oggetti mghoddija lis-socjeta intimata kien jammonta ghal sebat elef, miten u wiehed u sittin Euro u disgha u tmenin centezmu (€7,261.89).

Jirrizulta illi wara tali konsenja, is-socjeta intimata bdiet tbiegh ir-roti fuq is-suq lokali u, kull meta jkun hemm bzonn xi roti godda, hija kienet titlob ghall konsenja gdida ta' roti.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, ir-rikorrent ried jarma il-hanut illi huwa kellu biswit il-pompa tal-petrol tieghu b'accessorji tal-karozzi u, peress illi s-socjeta intimata kienet ben provvista bl-accessorji kollha tal-karozzi illi r-rikorrent kellu bzonn, ftehmu illi s-socjeta intimata kellha tipprovdi lill-istess rikorrenti diversi oggetti ghall-bejgh fil-hanut tieghu u dana bl-istess sistema illi kienet qieghda tadotta s-socjeta intimata mar-rikorrenti ghal dak li kien jirrigwarda ir-roti u l-accessorji taghhom li r-rikorrenti kien baghat ghand is-socjeta intimata.

Jirrizulta illi l-arrangament baqa jopera bejn il-partijiet ghas-sena kollha ta' 2011.

Fl-ahhar tas-sena, madanakollu, jidher illi bdew jinqalghu problemi bejn il-partijiet, fis-sens illi r-rikorrenti beda jitlob sabiex jithallas tar-roti illi kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta intimata filwaqt illi s-socjeta intimata kienet qieghda titlob iz-zmien wara il-festi tal-Milied ta' dik is-sena, sabiex ikunu jistghu jirrikonciljaw il-kontijiet kollha taghhom wara il-bejgh registrat fil-Milied tas-sena 2011.

Jirrizulta illi sussegwentement, fix-xhur ta' wara, il-partijiet baqghu jiddiksutu bejniethom dwar kif ser jirrikonciljaw is-sitwazjoni ta' bejniethom izda qatt ma wasslu ghall-soluzzjoni amikevoli. Di fatti, jirrizulta illi f'Awissu 2012, il-partijiet kienu indikaw l-*istock* illi kull parti kellha tal-parti l-ohra, u dana jirrizulta minn dokument redatt minn rappresentant tas-socjeta intimata, ossija Jonathan Falzon, u li kopja tieghu kemm ir-rikorrenti, a fol 92, kif u s-socjeta intimata, a fol 147 esebew.

Jirrizulta illi f'dak il-mument, ir-rikorrenti kellha thallas lis-socjeta intimata is-somma ta' tlett elef, hames mija u hamsa u sebghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€3,557.98) ekwivalenti ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta intimata. Is-socjeta intimata, da' parte taghha, kellha taghti lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef, disgha mija u tlettax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€5,913.94). Ghalhekk kien jidher illi kien hemm bilanc favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' elfejn tlett mija u hamsa u hamsin euro u sitta u disghin centezmu (€2,355.96).

Jirrizulta illi, minkejja illi l-partijiet kienu qed jaqblu dwar dak illi kien hemm pendenti bejniethom, il-kwistjoni illi wasslet ghal-kawza odjerna kienet dovuta ghal fatt illi s-socjeta intimata kienet qed tinsisti illi r-roti u accessorji kollha fil-pussess taghha, fil-valur dak iz-

zmien ta' sitt elef, mija u zewgt Euro u tnax-il centezmu (€6,102.12), li kien jinkludi l-VAT, kellhom jigu ritornati lir-rikorrenti peress illi dawna kienu fil-pussess tas-socjeta intimata unikament fuq bazi ta' '*consignment*', filwaqt illi r-rikorrenti kien qieghed jghid dana ma kienx minnu, ghax dak fil-pussess tas-socjeta intimata kien llha mibjugh u kellu jithallas u mhux jintradd lura.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrenti kien qieghed jinsisti illi l-bilanc ta' elfejn tlett mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u disghin centezmu (€2,355.96), ossija il-meritu tal-kawza odjerna, jithallas lilu u l-kwistjoni tinghalaq hemm.

Jirrizulta illi meta ma sarx ftehim dwar il-hlas, ir-rikorrent talab sabiex jigbor numru ta' roti minghand is-socjeta intimata, liema roti ir-rappresentant tas-socjeta intimata vvaluta fl-ammont tas-somma illi r-rikorrenti kien qieghed jiltob minghandhom (fol 108). Is-socjeta intimata, madanakollu, rrifjutat illi r-rikorrenti jigbor dawk ir-roti minnu ndikati u bdiet tinsisti illi r-rikorrenti jigbor l-affarjiet kollha li kienu fil-pussess taghha.

Jirrizulta, illi waqt il-mori tal-proceduri odjerni, is-socjeta intimata, illi baqghet fil-pussess tar-roti u accessorji li hija insistiet li kellhom jintraddu lura lir-rikorrenti, baqghet tbiegh l-oggetti fil-hwienet taghha u di fatti, skond rendikont minnha esebit a fol 204 tal-process, kien ghad fadal fil-pussess taghha roti u accessorji fil-valur ta' hamest elef, tlett mija u erbgha u tmenin Euro (€5,384), liema somma tinkludi il-VAT. Dana ifisser illi, waqt il-mori tal-kawza, is-socjeta intimata bieghet madwar sebgha mija u tmintax-il Euro (€718) f'merkanzija illi hija qieghda tinsisti kellhom jigu ritornati lir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, jidher car illi l-kwistjoni kollha illi wasslet ghall-kawza odjerna kienet divergenza dwar in-natura tal-kummerc illi l-partijiet kellhom bejniethom.

Dana qieghed jinghad, peress illi jirrizulta illi r-rikorrent qieghed jinsisti li l-oggetti minnu kkonsenjati lis-socjeta intimata kienu ikkonsenjati fuq bazi ta' bejgh filwaqt illi s-socjeta intimata qieghda tinsisti illi dawa gew ikkonsenjati lilha fuq bazi ta' "on consignment" u ghalhekk, la darba oggetti ma inbieghux, hija kellha dritt tirritorna dak mhux mibjugh.

Kif gie rilevat mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tieghu, il-Ligi nostrana ma tipprovdi ebda definizzjoni ghal dak illi llum il-gurnata qieghed jissejjah "*sale on consignment*", u ghalhekk in-natura tal-ftehim li kien qed jirregola liz-zewgt partijiet ghandu jigi ezaminat u finalizzat mill-provi prodotti quddiem il-Qorti u l-atteggjament tal-partijiet fin-negozjati u transazzjonijiet ta' bejniethom.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-unika vertenza bejn il-partijiet hija l-kunsinna li r-rikorrenti ghadda lis-socjeta intimata, peress illi ma huwiex ikkontestat li dak ikkunsinjat mis-socjeta intimata lir-rikorrenti fil-valur ta' tlett elef, hames mija u hamsa u sebghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€3,557.98) huwa dovut mir-rikorrenti, kif stqarr huwa stess fix-xhieda tiegu (vide fol 206).

Dwar il-kunsinna ta' roti u accessorji jirrizulta accettat miz-zewgt partijiet illi, wara li r-roti u accessorji gew mghoddija lis-socjeta intimata, is-socjeta intimata bdiet tbiegh ir-roti u accessorji lill-klijenti. Imbghad, is-sistema adoperata kiene li kull darba li s-socjeta intimata

kienet tbiegh xi rota u/jew accessorji, hija kienet tibghat '*Purchase Order*' lir-rikorrenti sabiex ir-rikorrenti ikun jaf li nbiegh xi prodott u, jekk ikun possibbli, jirrimpjazza il-prodott mibjugh bi prodott identiku. B'din is-sistema li kienet qed tigi adoperata, kien qieghed jigi assikurat illi s-socjeta intimata kienet dejjem fil-pussess ta' *stock* sufficjenti ta' roti u accessorji filwaqt illi r-rikorrenti kien a korrent ta' dak illi kien qieghed jinbiegh.

Is-socjeta intimata, fix-xhieda minnha prodotta, dejjem insistiet illi l-prodott li kien gie lilha mghoddi, kien dejjem mghoddi lilha '*on a consignment basis*', u di fatti hija kienet fethet kont appositu fil-kotba taghha, Kont nru **Z033**, kif jidher a fol 110 tal-process. L-istess socjeta intimata, imbghad, kellha kont iehor ghar-rikorrenti, u dana kienu ghall-oggetti illi hija kienet tghaddi lir-rikorrenti, liema kont kellu n-numru Kont Nru **C033**, kif jidher a fol 123.

Is-socjeta intimata insistiet illi, tali divizjoni ta' kontijiet kien indikazzjoni cara illi l-ftehim da' parte taghha kien illi l-oggetti tar-rikorrent kienu fuq '*consignment basis*'.

Il-Qorti, madnakollu, ma tistax ma tirrilevax illi, ghall-ragunijiet illi s-socjeta intimata ma spjegatx, filwaqt illi nizzlet l-oggetti kollha li inghaddewlha mir-rikorrenti fi-kont Nru Z033, il-Purchase Orders kollha li kienet tibghat lir-rikorrenti ghal roti u accessorji li kienet qieghda tbiegh, li jidhru a fol 29 sa 70 tal-process, inhargu kollha mill-kont bin Nru C033, jigifieri il-kont l-iehor illi s-socjeta intimata kellha mar-rikorrenti, liema kont ma kienx wiehed ta' '*consignment basis*' izda kien kont ta' bejgh u li l-bilanc tieghu huwa l-bilanc illi hija qieghda tippretendi minghand ir-rikorrenti ghall-merkanzija mghoddija lilu minghandha.

Il-Qorti, ukoll, ma tistax ma tosservax illi, ghalkemm is-socjeta intimata sahqet illi l-oggetti fil-pussess taghha kienu tar-rikorrenti, tul il-mori tal-kwistjoni bejn il-partijiet, ossija minn Awissu 2012 meta l-partijiet ma ftehmux dwar hlas, u is-7 ta' April 2014, meta xehed ir-rappresentant tas-socjeta intimata, Jonathan Falzon, is-socjeta intimata baqghet tbiegh il-prodotti li kellha fil-pussess taghha tant illi bieghet ftit aktar minn seba mitt Euro mill-merkanzija illi kellha.

Il-fatt illi s-socjeta intimata baqghet tbiegh il-prodotti illi kienu ghandha minkejja illi kienet qieghda tinsisti li dawna kollha kellhom jigu ritornati lir-rikorrenti, hija indikattiva tal fatt illi, attwalment, il-bejgh ma kienx wiehed ta' '*consignment*', kif tinsisti s-socjeta intimata, izda kien bejgh komplet ta' oggetti minn parti ghall-ohra, bil-kundizzjoni illi l-hlas ta' l-oggetti kien ser isir hekk kif tali oggett jinbiegh lill terzi, ossija fuq is-suq. Jidher car ukoll illi l-partijiet kienu bi hsieb illi jpacu dak dovut lill xulxin bil-prodotti li jbiegh tal-parti 'l ohra, b'dan illi jekk jibqa bilanc, jithallas lil min huwa dovut.

Dana qieghed jinghad peress illi, mill-provi prodotti, jirrizulta illi meta r-rikorrent, tramite t-tifel tieghu Derek Cini, ried jibda ibiegh fil-hanut tieghu gewwa Ghawdex il-prodotti li kellhom is-socjeta intimata, huwa stqarr fl-email tieghu fil 22 ta' Novembru 2011, a fol 82, li xtaq jadopera l-istess modalita' illi kien qieghed jintuza in relazzjoni tal-prodotti fil-pussess tas-socjeta intimata - ossija illi jiehu l-oggetti u jhallashom meta ibieghom.

Huwa car, fil kaz odjern, illi hawnhekk ma kienx hemm ftehim illi l-oggetti jinghaddew lill parti ghal periodu ta' zmien sabiex jinbieghu u jithallsu meta eventwalment jinbieghu, izda l-ftehim kien illi l-oggetti jinghaddew lill-parti l-ohra ghal dejjem u imbghad, la darba jsir il-bejgh, isir il-hlas taghhom.

Huwa car ukoll illi dana il-ftehim, kif sar b'mod verbali bejn il-partijiet, kien bilfors ser iwassal ghall-diverbju bejn il-partijiet, peress illi huwa car li l-partijiet dahhlu fi ftehim minghajr ma hasbu fid-dettall dwar il-kundizzjonijiet illi kellu jkun hemm u, la darba ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub kif ukoll ma kien hemm ebda ftehim ta' zmien ghal hlas, japplika dak pprovdut fl-Artikolu 1439 tal-Kap 16.

L-Artikolu 1439 tal-Kap 16, di fatti, jipprovdi illi f'kaz li ma hemmx ftehim dwar zmien ghall-hlas, "*il-bejjiegh jista, jekk il-hlas ma jsirx, jiehu lura l-haga mibjugha, sakemm din tkun tistab f'idejn ix-xerrej, jew ma jhallix lix-xerrej li jbiegha lil haddiehor, basti li t-talba biex jehodha lura tigi maghmulha fi zmien hmistax-il gurnata mill-kunsinna u lhaga tkun tinsab f'dak l-istess stat li kienet fiz-zmien tal-kunsinna*".

Peress illi mill-provi prodotti, jirrizulta ben car illi z-zewgt bejjiegha rispettivament, ossija ir-rikorrent u is-socjeta intimata, ma kienux talbu lura l-oggetti mhux mibjugha fil-periodu indikat ta' hmistax-il gurnata, dana allura kien ifisser illi kien hemm bejgh komplet bejn il-partijiet u ghalhekk kull parti kellha d-dritt illi titlob li tithallas ghall-merkanzija mibjugha lill-parti l-ohra.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti kellu jhallas lis-socjeta intimata is-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u hamsin Euro u tmienja u disghin centezmu (€3,557.8) ghall-merkanzija lilu kkonsenjata filwaqt illi s-socjeta intimata kellha thallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef, disgha mija u tlettax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€5,913.94) ghall-merkanzija lilha kkonsenjata.

Jirrizulta ukoll illi meta wiehed inaqqas l-ammont dovut mir-rikorrenti lis-socjeta intimata minn dak dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrent, jkun ghad fadal bilanc a favur tar-rikorrenti ta' elfejn tlett mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u disghin centezmu (€2,355.96), ossija il-meritu tal-kawza odjerna.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha dokumentarji prodotti mill-partijiet u semghet ix-xhieda.

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Ghal dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talba attrici u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u disghin centezmu (€2,355.96) kif fuq ahjar deskritt

U ghal dak li jirrigwarda t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta intimata

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata

Imghax pagabbli mis-socjeta intimata fuq is-somma hekk likwidata hija kalkolabbli mid-data tal-prezentata tal-proceduri odjerni sad-data tal-pagament effettiv

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------